# B'GĦAJNEJK MIFTUĦA

Tiftakar meta ma stajtx torqod, bqajt b'għajnejk miftuħa, preparat, tistenna għa ser jiġri xi ħaġa speċjali? Forsi meta kont ser tmur f'xi *Fun Park,* lejliet il-*birthday party* tiegħek, forsi ħabba xi logħba jew meta kont sejjer xi vaganza jew meta kont ser tiltaqa' ma xi ħadd speċjali.

- Hu ftit ħin biex taħseb kif tħossok li kieku Alla kellu jiġi għandek b'sorpriża. Ser isibek ppreparat, b'għajnejk miftuħa tistenniħ?
- Wara li tpinġi għajn fuq kull wieħed mit-tappijiet, weħħel iż-żewġ tappijiet tal-plastik bħala par għajnejn miftuħa fuq il-karta b'forma ta' wiċċ.
- Itlob lil Alla sabiex jipprovdilek nies fil-ħajja tiegħek li jinkoraġġuk biex tibqa' b'għajnejk miftuħa, preparat tistenna l-mument meta ser jsejjaħlek biex tgħix għal dejjem miegħu fil-Ġenna.